STORJA

# Il-festa tal-Bambina fl-Isla fl-1943

minn Mario CARUANA

JEKK il-jum tat-8 ta' Settembru minn dejjem kien ta' għożża kbira għas-Sengleani, dan ta' ħamsin sena ilu, ċioe tas-sena 1943, għandu sinifikat partikolari u uniku.

Imħabba t-tħarbit tal-gwerra, fl-Isla, kif ġara wkoll f'ħafna bliet u rħula oħra Maltin, il-festa ma setgħetx issir bħas-soltu għal xi snin. Difatti, l-aħħar li saret festa bis-solennità u l-briju kollu tipiċi ta' festa Sengleana, kien fis-sena 1938.

Il-bidu tal-gwerra fit-3 ta' Settembru 1939, ħamest ijiem biss qabel il-festa kellu effett immedjat fuq iċ-ċelebrazzjonijiet ta' dik is-sena. Filwaqt li fil-knisja sar kollox tista' tgħid bħas-soltu, fil-festi esterni bdew immedjatament ir-restrizzjonijiet.

Difatti mill-ewwel inżammu l-permessi tal-baned u n-nar, u ma setgħu jinxtegħlu dwal barra. B'konsegwenza ta' dan, il-purċissjoni ħarġet kmieni u daħlet qabel ma laħaq dalam, għad li ħafna mill-armar ta' barra kien ġà laħaq intrama', u baqa' hemm għall-jiem tal-festa.

### Biża' u restrizzjonijiet

Matul il-jiem tal-festa tas-sena 1940, li kienet l-ewwel waħda ta' żmien l-Arċipriet Brincat, u li ġiet tliet xhur biss wara d-dħul ta' l-Italja fil-gwerra, kien hemm aktar biża' u aktar restrizzjonijiet. Il-festi esterni kienu miżmuma għal kollox, fil-waqt li l-festi fil-knisja kienu mnaqqsa ħafna.

Imħabba s-sigurtà lanqas l-istatwa tal-Bambina ma kienet esposta fil-knisja, u purċissjoni, naturalment, ma saritx. Dan il-biża' kien ġustifikat. Tant hu hekk, li nhar is-7 ta' Settembru, lejlet il-festa, sar l-aktar attakk mill-ajru qawwi sa dak iż-żmien. Fl-Isla ġġarrfu xi djar, u waqgħet ukoll l-Iskola Primarja, li hi biss ftit metri bogħod mill-knisja.

Imbagħad wara l-attakki fuq l-*Illustrious* f'Jannar 1941, meta l-Isla, inkluża l-knisja, ġġarrfet kważi kompletament, l-istatwa tal-Bambina ttieħdet għall-kenn fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

F'dik is-sena, il-Kapitlu ċċelebra l-festa fil-parroċċa tan-Naxxar, wara stedina tal-Kappillan Dun Manwel Micallef.

Il-festa tas-sena 1942 saret fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara, wara li l-Kapitlu Karkariż aċċetta talba ta' dak Senglean biex il-festa ssir f'dik il-Kolleġġjata fejn kienet 'refuġjata' il-Bambina. Il-festa ta' dawk is-sentejn kienet tikkonsisti biss f'għosrin u Quddiesa Kantata.

Matul it-tieni nofs tas-sena 1943, il-qagħda f'Malta bdiet titjieb, l-aktar wara l-invażjoni ta' Sqallija mill-alleati. Il-Kapitlu għalhekk iddeċieda li l-festa jagħmilha fl-Isla, fil-Knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu (San Filippu), li b'xorti tajba ma kinetx iġġarrfet fil-gwerra.

Kien hemm argumenti u diskussjonijiet sħan dwar jekk il-Bambina għandhiex tittieħed fl-Isla għall-festa jew le. Fl-aħħar l-Arċipriet Brincat refa' r-responsabbiltà, u kien deċiż li l-Bambina titniżżel l-Isla għall-purċissjoni. In-novena saret f'parti mis-sagristija tal-Bażilka li fortunatament ma kinetx iġġarrfet, u l-priedki għamilhom il-Kanonku Ġorġ Sciriha, li għadu mimli bl-għomor.

Imbagħad fis-7 ta' Settembru, l-Bambina ittieħdet proċessjonalment lejn San Filippu għall-festa.

Nhar il-Vitorja, sar Pontifikal mill-Isqof Senglean Mons. Emmanuel Galea, bil-mużika tas-Surmast Diacono. Għall-okkażjoni kienu imnaddfin xi toroq mid-debris u t-terrapien li kien fihom, biex tkun tista' tgħaddi il-purċissjoni.

Kienu armati wkoll xi pavaljuni u anke l-istatwa ta' Malta Rebbieħa. Flimkien mal-banda Sengleana Queen's Own, kienu ħadu sehem baned miż-Żejtun, Raħal Ġdid, u Ħaż-Żabbar. Iżda dawl u nar ma kienx hemm.

### Messaġġ storiku

Dakinhar, il-purċissjoni li kellha tintemm bħala waħda storika, tmexxiet mill-Arċipriet Brincat, li matul is-snin ebsin tal-gwerra, kien baqa' jgħix fl-Isla biex jagħti l-għajnuna tiegħu kull fejn ikun hemm bżonn, lil dawk li bħalu baqgħu jgħammru f'din il-belt.

Sewwa sew kif il-purċissjoni kienet waslet ix-Xatt, fejn 22 sena qabel l-istatwa tal-Bambina kienet inkurunata solennement, l-Arċipriet Brincat irċieva messaġġ mill-Ammiraljat, li l-Italja, l-għadu l-aktar qrib ta' Malta, kienet ċediet, u b'hekk il-gwerra tbiegħdet darba għal dejjem mix-xtut ta' gżiritna.

F'tebqa t'għajn, din l-aħbar ġriet bħal leħħa ta' berqa minn fomm għall-ieħor. Minn dak il-ħin 'l quddiem, l-entużjażmu u l-ferħ żdiedu qatigħ, u l-purċissjoni tkompliet f'atmosfera ta' paċi u serħan tal-qalb u tal-moħħ. Meta mbagħad il-purċissjoni daħlet lura f'San Filippu, l-Arċipriet ta' din l-aħbar uffiċjalment minn fuq il-pulptu, u dak il-ħin stess tkanta *Te Deum* ta' ringrazzjament.

Kienet purċissjoni storika, f'jum li dawk li għixuh, u speċjalment is-Sengleani li għal snin kienu ilhom miftuma minn belthom, baqgħu jgħożżuh u jiftakruh għomorhom kollu.

B'hekk, għal darb'oħra fl-istorja ta' pajjiżna, assedju qalil u kiefer li matulu l-poplu kollu kien verament għal żmenijiet twal f'ħalq il-mewt, intemm b'rebħa sabiħa, nhar it-8 ta' Settembru, jum għażiż u glorjuż fl-istorja ta' l-Isla, u tal-ġens Malti kollu.

*Riferenzi: Alexander Bonnici; Storja ta' l-Isla, Vol III, Kap 7.*



L-istatwa tal-Bambina għaddejja mix-Xatt ta' l-Isla, ftit qabel ma waslet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet



L-istatwa tal-Bambina għaddejja minn qalb it-tħarbit tat-triqat ta' l-Isla

YAMAHA

DIGITAL SOUND FIELD PROCESSING COMPONENTS



- Yamaha's Cinema DSP Technology
- Digital Dolby Pro Logic Surround
- Digital Test Tone Generator for DSP/Dolby Pro Logic
- 7- Channel High Power Amplifier

DSP-A1000

DOLBY SURROUND PRO · LOGIC



YST-SF50

Yamaha Active Servo Processing System

- Flat Design
- Wall Mountable
- Optional Stands
- Multi Range Drivers
- Weight: 6.0kg
- Freq. Resp.: 25-30,000 Hz



YST-SE10

Yamaha Active Servo Processing System

Sound Effect Speaker System

- Wall Mountable
- 1.5kg
- Freestanding Vertically
- Stand Included



NS-C90

Center Speaker System for A/V Use

- Flexible Placement
- Two 12cm Full-Range Drivers
- Antimagnetic Shielding
- Slanted Front Panel

FOR VIEWING AND FURTHER INFORMATION CONTACT

AUDIO

BISAZZA STREET, SLIEMA. TEL: 335302
OLD THEATRE STREET, VALETTA. TEL: 223567
CITY GATE, 1ST FLOOR, VALETTA. TEL: 221665
231, HIGH STREET, HAMRUN. TEL: 235480
COSPICUA ROAD, PAOLA. TEL: 825009
SERVICING & SALES DEPT., 467, RUE D'ARGENS, GZIRA. TEL: 343586